

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1316**tas-26 ta' Lulju 2016**

li temenda d-Deċiżjoni 2009/908/UE, li tistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Previdenza tal-Kunsill, u dwar il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2009/881/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 dwar l-eżerċizzju tal-Previdenza tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi,

- (1) Bid-Deċiżjoni 2009/908/UE ⁽²⁾ l-Kunsill stabbilixxa l-ordni li fih kellu jkun il-mandat tal-Previdenza tal-Kunsill għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' Ġunju 2020, u stabbilixxa fiha d-diviżjoni ta' dak l-ordni ta' Presidenzi fi gruppi ta' tliet Stati Membri.
- (2) L-Unjoni Ewropea għet imkabbra fl-1 ta' Lulju 2013 biex tinkludi l-Kroazja bħala Stat Membru ġdid.
- (3) Għalkemm għadha ma waslet l-ebda notifika skont l-Artikolu 50 TUE mill-gvern tiegħu, Stat Membru għamel magħruf pubblikament il-fatt li huwa ser jirtira mill-Unjoni. L-ordni tal-presidenzi tal-Kunsill għandu jiġi emendat biex jieħdu kont ta' dik iċ-ċirkostanza, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi ta' dak l-Istat Membru.
- (4) Il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-ordni li fih għandu jkun il-mandat tal-President tal-Kunsill fil-futur qrib. Dak l-ordni għandu jiġi ddeterminat skont il-kriterji stipulati fit-Trattati u fid-Deċiżjoni 2009/881/UE tal-Kunsill Ewropew. Id-Deċiżjoni 2009/908/UE għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/908/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Previdenza tal-Kunsill, u dwar il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill, għandha tiġi emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

L-ordni li fih l-Istati Membri għandu jkollhom il-Previdenza tal-Kunsill mill-1 ta' Lulju 2017 u sal-31 ta' Diċembru 2030, kif ukoll id-diviżjoni ta' dan l-ordni ta' Presidenzi fi gruppi ta' tliet Stati Membri tinsab fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.”;

- (2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Il-Kunsill għandu, qabel il-31 ta' Diċembru 2029, jiddeċiedi l-ordni li fih l-Istati Membri ser ikollhom il-Previdenza tal-Kunsill mill-1 ta' Jannar 2031”;

- (3) It-test tal-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/908/UE huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 315, 2.12.2009, p. 50.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/908/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Previdenza tal-Kunsill, u dwar il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill (ĠU L 322, 9.12.2009, p. 28).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2017.

Hija għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

M. LAJČÁK

ANNEX

“ANNEX I

Abbozz ta' Tabella tal-Presidenzi tal-Kunsill (*)

Netherlands (**)	Jannar-Ġunju	2016
Slovakkja (**)	Lulju-Diċembru	2016
Malta (**)	Jannar-Ġunju	2017
Estonja	Lulju-Diċembru	2017
Bulgarija	Jannar-Ġunju	2018
Awstrija	Lulju-Diċembru	2018
Rumanija	Jannar-Ġunju	2019
Finlandja	Lulju-Diċembru	2019
Kroazja	Jannar-Ġunju	2020
Ġermanja	Lulju-Diċembru	2020
Portugall	Jannar-Ġunju	2021
Slovenja	Lulju-Diċembru	2021
Franza	Jannar-Ġunju	2022
Repubblika Ċeka	Lulju-Diċembru	2022
Żvezja	Jannar-Ġunju	2023
Spanja	Lulju-Diċembru	2023
Belġju	Jannar-Ġunju	2024
Ungerija	Lulju-Diċembru	2024
Polonja	Jannar-Ġunju	2025
Danimarka	Lulju-Diċembru	2025
Ċipru	Jannar-Ġunju	2026
Irlanda	Lulju-Diċembru	2026
Litwanja	Jannar-Ġunju	2027
Greċja	Lulju-Diċembru	2027
Italja	Jannar-Ġunju	2028
Latvja	Lulju-Diċembru	2028
Lussemburgu	Jannar-Ġunju	2029
Netherlands	Lulju-Diċembru	2029
Slovakkja	Jannar-Ġunju	2030
Malta	Lulju-Diċembru	2030

(*) Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tar-Renju Unit bħala Stat Membru.

(**) It-triju attwali huwa mdaħħal f'dan l-Anness għall-finijiet ta' informazzjoni.”.